**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 25 ta' Novembru, 2015**

Talba Numru: 312/2014JB

Kawza Numru: 17

**Borg and Aquilina Limited (C496)**

***vs***

**Le Breton Caterers Limited (C47781) u Marius Aquilina (K.I.: 183480M) u b'digriet tad-9 ta' Marzu 2015 gie kjamat fil-kawza Jason Briffa (K.I.: 121193M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar is-7 ta' Marzu 2014 fejn is-Socjeta Attrici talbet li l-intimati jew min minnhom jigu kkundannati sabiex ihallsu s-somma ta' tmien mija u hamsa u hamsin euro u hdax-il centezmu (€855.11). Bl-ispejjez gudizzjarji inkorsi mir-rikorrenti in konnessjoni ma' dan id-debitu, inkluz l-ispejjez kollha tal-ittra ufficjali imsemmija, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv bl-oghla rati *ai termini* tal-Kap 13 u dan wara li ppremettiet:

> Illi l-imtimati jew min minnhom huma debituri tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' tmien mija u hamsa u hamsin Euro u hdax-il centezmu (€855.11), bilanc minn somma akbar reppreżentanti prezz ta' prodotti mibjugha u kkonsenjati lil intimati mir-rikorrenti fuq ordni ta' l-intimati stess ghal uzu fl-istabbiliment "Le Breton" fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar, ghall liema deher bhala garanti Marius Aquilina u dan, kif jirrizulta mill-istatement hawn anness u mmarkat bhala "Dok BA 1" kif ukoll mill-*Credit Application Form*;
>
> Illi l-intimati gew interpellati ghal hlas diversi drabi, anke permezz ta' ittra ufficjali tas-6 ta' Marzu, 2014 u mibghuta *ai termini* tal-Artiklu 166A tal-Kap 12 izda l-ammont baqa ma thallasx u ghadu u ghadu s'issa dovut;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-28 ta' Mejju 2014;

Ra r-risposta tal-Konvenuti Le Breton Caterers Limited u Marius Aquilina pprezentata nhar is-7 ta' Marzu 2014 li taqra' kif gej:

> 1. Illi l-intimati m'humiex il-legittimi kontradditturi, u m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimati m'humiex il-persuni illi jiggestixxu n-negozju 'Le Breton Cafeteria', b'dan illi *ai termini* ta' skrittura datata 23 ta' Mejju 2011 l-intimati kienu issullokaw il-fond bin-numru 606, Mosta Road, San Pawl il-Bahar, kif ukoll il-gestjoni tan-negozju (bhala cafeteria u pastry shop) lil terzi, certu Jason Briffa (K.I.: 121193M);

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kas, jekk jirrizulta illi s-socjeta' attrici hija kreditrici fl-ammont ta' tmien mija u hamsa u hamsin euro u hdax il-centezmu (€855.11), d-debitur ghal dan l-ammont huwa l-inkwilin suindikat u mhux l-intimati;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk l-intimati m'ghandhomx jinzammu responsabbli ghall-allegat hlas dovut lis-socjeta attrici;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimati m'ghandhomx ghalfejn jirrispondu ghat-talbiet attrici u qeghdin jipprotestaw ruhhom ghall-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici li minn issa hija ngunta in subizzjoni

Ra d-digriet tad-9 ta' Marzu 2015 li permezz tieghu gie kjamat fil-kawza Jason Briffa;

Ra li ghad li gie debitament notifikat bl-atti, Jason Briffa ghazel li la jipprezenta risposta u lanqas ma jidher ghas-smiegh;

Sema' x-xhieda;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidra;

Illi permezz ta' din il-kawza s-Socjeta Attrici qieghdha titlob il-hlas tas-somma ta' €855.11 rappreżentanti bilanc minn somma ikbar ta' prezz ta' prodotti mibjugha u kkonsenjati fuq ordni tal-intimati stess ghal uzu gewwa l-istabbiliment "Le Breton" f'San Pawl il-Bahar. Is-Socjeta Konvenuta u l-Konvenut Marius Aquilina qieghdin jichdu li huma ghamlu xi ordni u qed jghidu li *se mai* huwa responsabbli ghall-hlas il-kjamat in kawza;

Illi in sostenn tat-talba taghha, is-Socjeta Attrici ressqet, prospett (a fol 3) minn fejn jirrizulta li l-fatturi mertu tal-kawza inhargu kollha bejn Jannar u Frar 2012 kif ukoll applikazzjoni ghal kredtu (a fol 4 u 5) li mix-xhieda tal-Konvenut Marius Aquilina irrizulta li kienet iffirmata minnu. Inoltre, is-Socjeta Attrici ipproduciet bhala xhud lil Mandy Mercieca (a fol 36);

Illi min-naha taghhom, il-Konvenuti ipprezentaw kuntratt ta' sullokazzjoni li sar mal-kjamat in kawza, datat 23 ta' Mejju 2011 (a fol 20 u 21) u ressqu bhala xhud lill-Konvenut Marius Aquilina;

Illi meta xehdet Mandy Mercieca din stqarret li l-kont tas-Socjeta Konvenuta kien infetah f'Jannar 2011. Tghid li biex infetah il-kont kellha tintela l-*credit application form* (a fol 4 u

5). Tghid li s-Socjeta Konvenuta kellha terminu ghall-hlas ta' disghin jum. Tghid li l-provvisti saru bejn Jannar u Frar 2012 izda qatt ma thallas xejn. Tghid ukoll li skond il-*credit application form* jekk ikun hemm tibdil fil-gestjoni din trid tigi mgharrfa biha s-Socjeta Attrici u tghid li s-Socjeta Attrici qatt ma rceviet xi notifika f'dan is-sens minghand il-Konvenuti;

Illi min-naha tieghu, Marius Aquilina insista li fil-perjodu meta saru l-provvisti l-hanut kien mikri lill-kjamat in kawza li fil-kuntratt li sar bejniethom kellu patt car li kien jipprovdi li s-sullokatur (u cjoe il-kjamat in kawza) kellu jkun responsabbli ghall-operat kollu tal-hanut u kellu jiehu hsieb li jkollu numru tal-VAT ghalih kif ukoll jaghmel l-applikazzjonijiet li jkunu mehtiega. Ix-xhud ikkonferma li l-firma fuq id-dokument a fol 4 hija tieghu ghad li hu kien qieghed jiffirma ghas-Socjeta Konvenuta. Inoltre, x-xhud ikkonferma li l-indirizz fejn hu indirizzat il-prospett huwa l-istess tal-lok gestit mill-kjamat in kawza li jigi bieb ma' bieb ma' negozju gestit mis-Socjeta Konvenuta. Hu jghid ukoll li gharraf lis-Socjeta Attrici verbalment dwar il-bdil tal-gestjoni;

Illi minn ezami tad-dokumenti li jinsabu in atti, wiehed ma jistax jasal ghall-konkluzjoni dwar fejn u lil min saru l-provvisti. Certament li kien ikun utli kieku s-Socjeta Attrici ressqet kopja tad-*delivery notes* iffirmati minn min ircieva l-merce. Is-Socjeta Attrici jidher li qed tistrieh fuq il-*credit application form*;

Illi minn ezami tal-process jidher bic-car li fil-perjodu in dizanima, il-hanut kien imwilli u ghalhekk dak li qed jghid il-Konvenut Marius Aquilina huwa verosimili aktar u aktar meta wiehed iqis li l-kjamat in kawza la deher ghas-seduta u lanqas ma pprezenta risposta;

Illi fir-rigward tal-*credit application form* li kienet tinkludi obbligu li f'kaz ta' bdil fil-gestjoni kellha tigi mgharrfa s-Socjeta Attrici bil-miktub, ghad li gie ppruvat li ma ntbaghtet l-ebda notifika bil-miktub, it-Tribunal iqis li jehtieg li ssir dikotomija bejn dak id-dokument li jipprovdi ghal credit terms u s-sussegwenti bejgh ta' merce. Huwa car li mal-bejgh ta' merce tinholoq relazzjoni kuntrattwali u gjaladarba jirrizulta li tali merce li giet konsenjata fil-hanut li precedentement kienet topera minnu s-Socjeta Konvenuta fil-fatt giet konsenjata lill-kjamat in kawza, dan ghandu jwiegeb ghat-talba tas-Socjeta Attrici;

Illi fic-cirkostanzi, it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu. Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri odjerni u l-ispeditezza li trid il-ligi u ghalhekk, fil-waqt li se jilqa' l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-Konvenuti u jilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, se jghaddi sabiex jichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-istess Konvenuti u konsegwentement se jghaddi sabiex jilqa' t-talba Attrici fil-konfront tal-kjamat in kawza;

Ikkunsidra;

Illi fejn jirrigwarda l-kap tal-ispejjez, it-Tribunal iqis li l-Konvenuti naqsu milli jaghtu taghrif sufficjenti meta rrispingew l-ittra ufficcjali. Fil-fatt, min-noti a fol 12 u 13, imkien ma jissemma l-kjamat in kawza. B'kull rispett, kieku dan sar, is-Socjeta Attrici kienet tkun f'qaghda tidderigi ruhha ahjar u tevita proceduri inutilment ikkumplikati. Ghalhekk, it-Tribunal iqis li l-ispejjez ghandu ikunu a karigu tal-kjamat in kawza salv ghal dawk tal-Konvenuti li ghandhom ibatu l-ispejjez taghhom;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, fil-waqt li qed jilqa' l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-Konvenuti Le Breton Caterers Limited u Marius Aquilina u konsegwentement jilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, qieghed jichad il-bqija tal-eccezzjonijiet sollevati mill-istess Konvenuti u konsegwentement jilqa' t-talba Attrici fil-konfront tal-kjamat in kawza u jikkundanna lill-istess kjamat in kawza Jason Briffa sabiex ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €855.11 bl-imghax legali skond il-ligi. L-ispejjez kollha tal-proceduri, jkunu a karigu tal-kjamat in kawza Jason Briffa, b'dan li l-Konvenuti Le Breton Caterers Limited u Marius Aquilina ghandhom ibatu l-ispejjez proprji.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*